# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur A. M. Xuereb)**

**vs**

**Carmela German**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta` Carmela German, bint il-mejtin Francesco Dalmas u Maria Dolores nee' Demicoli imwielda l-Pieta' nhar it-3 t'Ottubru 1940 u residenti 13/15, Triq id-Dejqa, n-Naxxar u detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 682440(M) u li permezz tagħha ġiet akkużata talli fix-xahar ta' Jannar 2014 u fix-xhur/snin ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda : -

(a) b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi wriet

ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ b'qerq ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), għad-dannu ***tal-Konjugi Antony Charles Jason u Antonia Cassar;***

(b) U aktar talli bi ħsara ta' ħaddiehor u ċioe tal-***Konjuġi Antony Charles Jason u Antonia Cassar*** għamlet qliegħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(c) Akkużata wkoll talli approprijat ruħha billi dawret bi profitt għaliha jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinnata lilha taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u ċioe flejjes li jammontaw għal aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u seba' u tletin ċenteżmu (€2,329.37), liema flus jappartjenu lil ***konjugi Antony Charles Jason u Antonia Cassar***

(d) U aktar talli f'dawn l-aħħar snin, f'dawn il-Gżejjer, għamlet dikjarazzjoni falza, jew tat xi tagħrif falz, jew pproduċiet xi dokument falz, għal xi wieħed mill-għanijiet tal-Att Dwar il-Karti tal-identita' meta kienet taf li dan kien falz;

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Semgħet lix-xiehda prodotti;

Rat li permezz ta' nota ta' rinviju għall-ġudizzju datata 9 ta' Settembru 2004, l-Avukat Ġenerali deherlu li mill-Kompilazzjoni hawn fuq imsemmija, tista tinstab ħtija (jew ħtijiet) taħt dak li hemm maħsub fl-Artikoli 18, 293, 308, 309 u 310(1)(a) u 533 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll taħt l-Artikolu 24(2)(b) tal-Kapitolu 258 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk iddeċieda li taħt dak maħsub fl-Artikolu 370(3)(b)(c) tal-Kodiċi Kriminali jibgħat lill-imputata hawn fuq imsemmija sabiex tigi ġġudikata minn din il-Qorti u għalhekk bagħat lura l-atti tal-Kompilazzjoni sabiex din il-Qorti tipproċedi skont il-Liġi;

Rat li matul is-seduta tat-8 t'April 2015 din il-Qorti, staqsietha jekk kellhiex oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat u deciż minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputata żmien xieraq biex twieġeb għal din il-mistoqsija, wieġbet li m'għandhiex oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja u il-Qorti għalhekk ħadet nota bil-miktub ta' din it-tweġiba fil-proċess ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi bejn is-16 ta' Settembru 2012 u d-9 ta' Frar 2013 Anthony Cassar u Antonia Cassar (il-parte civile) silfu lill-imputata s-somma ta' erbgħa u

tletin elf euro (€34,000) filwaqt li f'dati diversi kienu biegħulha prodotti tal-merċa mill-ħanut tagħhom li tellgħu l-ammont t'elfejn euro (€2000). L-ammont li b'kollox l-imputata ġiet li kellha tħallas lill-parte civile kien ġie stabbilit fl-ammont ta' sitta u tletin elf euro (€36,000).

Dan id-dejn ġie rikonoxxut mill-imputata permezz t'att pubbliku ta' rikonoxximent ta' debitu iffirmat mill-parte civile, l-imputata u d-defunt żewġha nhar id-9 ta' Jannar 2014.[1] Dan l-ammont kellu jitħallas sal-ġurnata tal-għada 10 ta' Jannar 2014, inkluż l-imgħaxijiet li kellhom jiddekorru bl-għola rata statutorja sa mill-31 ta' Jannar 2013.

Dan l-att pubbliku ħassar skrittura privata preċedentement iffirmata bejn l-imputata u l-parte civile nhar id-19 ta' Diċembru 2013 fejn l-imputata kienet irrikonoxxiet li kienet debitriċi tal-parte civile fl-ammont ta' ħamsa u erbgħin elf euro (€45,000).[2] Hawnhekk l-imputata kienet diġa obbligat ruħha li tħallas dan l-ammont sat-23 ta' Diċembru 2013, bl-ammont t'imgħax fir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) jibda jiddekorri fuq dan l-ammont fil-każ li hija ma tħallasx l-ammont pattwit sad-data stabbilita.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-parte civile qegħdin jinsistu li l-ammont verament dovut lilhom huwa dak imsemmi fl-att pubbliku u mhux fl-iskrittura privata.

---

[1] Ara fol 22.
[2] Ara fol 21.

Minkejja l-iskrittura privata kif ukoll l-att pubbliku suċċessiv, il-parte civile baqgħet ma tħalsetx, minkejja li mill-atti jirriżulta li rrikorrew għal azzjoni ċivili (b'dak li l-Qorti fehmet li kienet l-eżekuzzjoni tal-att pubbliku bil-mezz ta' proċeduri ċivili eżekuttivi appożiti), li pero jidher li ma waslu għal ebda eżitu pożittiv.[3]

S'hawnhekk il-vertenza ċivili. Dil-Qorti pero ġiet adita biex tiddetermina jekk l-istess fatti jagħtux lok għal konsegwenzi penali naxxenti mill-azzjoni tal-imputata li wassal lill-parte civile sabiex "jisilfu" l-ammont ta' erbgħa u tletin elf euro (€34,000) lill-imputata u jagħtuha kreditu ta' elfejn euro (€2000) fuq prodotti tal-merċa mixtrija mill-ħanut ġestit minnhom.

***Ikkunsidrat : -***

Fil-qosor, il-Prosekuzzjoni u l-parte civile jtennu li dan is-"self" ta' flus lill-imputata sar wara li l-imputata, li kienet marret toqgħod Ħal-Qormi, bdiet tmur tixtri mill-ħanut tal-merċa tagħhom xirjiet kbar, u wara li huma kienu saru ħbieb b'ċerta kunfidenza. Il-parte civile jtennu li l-imputata kienet saret "close" ħafna magħhom tant li kienu jistiednu

---

[3] B'xorti ħażina matul il-kors ta' dawn il-proċeduri ma tresqux provi a sodisfazzjon ta' din il-Qorti fir-rigward ta' kemm ammonti ta' flus dovuti ġew maqtugħa grazzi għall-dawn il-proċeduri. Għalkemm fit-trattazzjoni ġie mistqarr mill-Abbli Avukat tal-parte civile li l-anqas għall-ispejjeż tal-konsejatarju ma kienu biżżejjed, din il-Qorti kienet teħtieġ indikazzjoni aktar preċiża biex tkun tista' tieħu dawk il-miżuri opportuni jekk kien ikun il-każ.

wkoll lil xulxin fid-djar tagħhom. Huma jtennu li kienet tgħidilhom li ħuha, il-Monsinjur Joseph Dalmas, kien marid u kien ikollu jkun rikoverat fi sptar u li kellu bżonn ħafna spejjeż biex ikun jista' jiġi mmedikat. Meta saru ħbieb sew hija bdiet titlobhom il-flus b'self sabiex tkun tista' tagħmel tajjeb għall-ispejjeż mediċi ta' ħuha l-Monsinjur, dejjem tittamahom li tħallashom hekk kif ikollha d-disponibbilta' u l-likwidita' finanzjarja ta' xi flus li hija qalet li kellha. Il-parte civile qablu li jisilfuha dawn il-flejjes.

Huma jgħidu wkoll li kellhom ħabiba tagħhom, ċerta Nicola Petit li kienet riedet tbiegħ id-dar tagħha u l-imputata wriet interess li tixtriha. Anzi l-parte civile kienu laqqgħuha ma Petit u l-imputata marret tara din id-dar mal-ħmistax il-darba fejn kienet turi li riedet din id-dar b'insistenza tali li anke lil Petit ikkonvinċiet biex toħroġ mid-dar u tmur tikri band'oħra tant kemm kienet tat impressjoni li kienet ser tixtriha u tidħol tgħix fiha b'mod imminenti. Biss anke hawnhekk l-imputata ma waslitx li tixtri din id-dar wara li l-imputata bdiet iġġib ħafna skużi biex il-konvenju ma jkunx jista' jsir.

Il-Prosekuzzjoni ġabet provi li juru li l-istorja tal-ispejjeż mediċi u ta' kura fi sptar tal-Monsinjur Dalmas kienet kollha inveritjiera in kwantu l-ispejjeż mediċi u kuranti tal-Monsinjur Dalmas kienu fil-maġġor parti tagħhom koperti b'polza tal-assikurazzjoni "Laferla Healthplans"

maħruġa minn Laferla Insurance Agency Limited lil Kurja[4] fejn jirriżulta wkoll mix-xiehda ta' Mark Laferla li l-Monsinjur Joseph Dalmas ibbenefika minn diversi *claims* li saru għar-rikoveru tiegħu fi sptar privat li minn Jannar 2012 sas-6 t'Ottubru 2014 u li kienu laħqu ammont viċin it-tmenin elf euro (€80,000). Dawn l-ammonti ta' flus tħalsu mill-assikurazzjoni lill-isptar privat u lil tobba privati.

Dak li l-imputata kienet tħallas kien "top-up" fuq il-*basic scheme* li kien jitħallas mill-Kurja. Il-*basic scheme* li kienet titħallas kull sena mill-Kurja kienet tammonta għal mija u sittax il-euro (€116) għal kull persuna filwaqt li l-imputata kienet tħallas it-*top up* fl-ammont ta' sebgħa mija erbgħa u sebgħin euro (€774) biex ħuha jkun jista' jibbenefika minn kopertura assikurattiva aħjar. Il-Prosekuzzjoni għalhekk ittenni li l-ammont ta' *top up* imħallas annwalment ma kienx jiġġustifika l-eluf t'euro li l-imputata kienet tgħid li kienet tħallas fi spejjeż għall-kura medika tal-Monsinjur Dalmas. Il-Prosekuzzjoni għalhekk ittenni li f'dan il-każ, l-imputata kienet irrendiet ruħha koplevoli tar-reati kontestati lilha.

Minn naħa tagħha l-imputata ttenni li hija bl-ebda mod ma truffat lill-parte civile jew li approprijat ruħha indebitament mill-flus mislufa lilha. In suċċint hija ttenni li l-flus li sselfet kienu għal-ħtiġijiet ta' ħuha l-Monsinjur u tagħha. Hija tinsisti li bl-ebda mod ma kienet ser iċċaħħad lill-parte civile minn flushom u li kienet lesta li tħallashom kollha. Anzi

[4] Ara fol 158.

flushom kienu ser jeħduhom fil-qrib, għalkemm ma spjegatx kif u meta dawn kienu ser jitħalsu. L-imputata tixhed li hija verament ħadet il-flus reklamati iżda dan kien isir fuq l-insistenza tal-parte civile li kienu jiffittawha biex jisilfulha l-flus. Hija tirribadixxi li mhux l-ispejjeż mediċi kollha ta' ħuha l-Monsinjur kienu koperti bil-polza tal-assigurazzjoni imsemmija.

***Ikkunsidrat : -***

Dan l-episodju aktar il-fuq deskritt wassal lill-Prosekuzzjoni biex tixli lill-imputata bl-ewwel tliet imputazzjonijiet ta' (a) truffa (b) frode innominata u (c) approprjazzjoni indebita. Hawnhekk il-Qorti pero trid iżżomm distinzjoni bejn l-indoli ċivili u dik penali li tista' titnissel minn azzjoni ta' persuna. F'dan il-każ mhux kontestat li l-parte civile għaddew flus lill-imputata "b'self" u li tawha prodotti tal-merċa bi kreditu. Dan l-imputata tirrikonoxxieh fl-intier tiegħu. Dil-Qorti trid għalhekk tara jekk hemmx pero l-estremi tar-reati kriminali addebitati lilha fil-mument meta dawn il-flejjes / effetti mobbli ġew mgħoddija lilha jew le.

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi l-Qorti tqis li kwantu għar-reat ta' truffa u l-elementi kostitutivi tiegħu, waħda mill-aktar sentenzi ta' dawn il-Qrati li jillustraw ċar il-

posizzjoni legali Maltija hija ***Il-Pulizija vs Charles Zarb*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-22 ta' Frar 1993, fejn intqal : -

> Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-leġislazzjoni Rumana kien magħruf bhala steljolat u li jikkorrispondi eżattament għat-truffa tal-*Codice Sardo*, għal frodi tal-Kodiċi Toskan, għal Engano jew Estafa fil-Kodiċi Spanjol, għal Bulra f'dak Portugiż, u għal *Esroquerie* fil-Kodiċi Franciż. Il-liġi tagħna tittratta fuq il-frodi fis-subartikolu III tat-Titolu IX tat-tieni ktieb taqsima ta' l-ewwel ktieb tal-Kodiċi Kriminali u dan id-delitt kif sejjer jingħad aktar 'il quddiem ġie diversi drabi kkummentat minn din il-Qorti diversament presjeduta u anke kif preżentament presjeduta għal kważi mitt sena b'ċerta konsistenza. Din il-Qorti għal kull buon fini tagħmel riferenza għas-sentenza tagħha stess kif illum presjeduta tat-2 ta' Lulju 1979 *in re* Il-Pulizija vs Mario Schembri fejn hem dettaljatament deskritt l-oriġini ta' dan ir-reat fis-sistema nostran kif ukoll dettalji estensivi dwar l-elementi rikjesti mil-liġi taghna għal biex jiġi integrat ir-reat ta' truffa;
>
> Id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi tagħna kienu ġew meħuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta' l-artikolu 430 tal-Kodici *Delle Due Sicilie* li hu identiku ħlief għal xi kelmiet insinifikanti għall-Kodiċi Franciż (artikolu 405) avolja dan, il-Kodiċi tad-*Due Sicile*, it-truffa kien isejħilha Frodi – *del resto* anke llum dan id-delitt fil-Kodiċi tagħna hu indikat bħala "frodi b'għemil qarrieqi".
>
> Skond ġurisprudenza kostanti, li din il-Qorti kif ippresjeduta taqbel magħha, l-ingredjenti ta' l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin;
>
> Fl-ewwel lok bħala suġġett attiv ta' dan id-delitt jista' jkun kulħadd;
>
> Fit-tieni lok il-leġislatur, aktar mill-interess soċjali tal-fiduċja reċiproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-użu ta' l-ingann u tar-raġġiri li jinduċu bniedem jiddisponi minn ġid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jagħmel;
>
> Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:
>
> a. b'mezzi kontra l-liġi, jew
>
> b. billi jagħmel użu minn ismijiet foloz jew

c. ta' kwalifiki foloz jew

d. billi jinqeda b'qerq ieħor u

e. ingann jew

f. billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz,

g. jew ta' ħila

h. setgħa fuq ħaddiehor jew

i. ta' krediti immaġinarji jew

j. sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qliegħ bi ħsara ta' ħaddiehor;

Fis-sentenza tas-27 ta' Mejju, 1957 mogħtija mill-Qorti Kriminali komposta minn tliet Imħallfin fil-kawża Rex vs Vittorio Azzopardi (Vol. XXIX.IV p. 398) dik il-Qorti ċċitat estensivament minn Chaveau er Helie u anke minn sentenzi tal-Qorti ta' Kassazzjoni ta' Pariġi biex tispjega li hu neċessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagaċja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu neċessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-liġi. F'dik il-kawża ssemmiet ukoll is-sentenza Regina *versus* Giuseppe Galea tat-12 ta' Mejju, 1887 fejn gie stabbilit illi *"che per costituire la frode sotto le disposizione di que) articolo* 282 (illum 308) *non e' necessaria la concorrenza di ambedue i mezzi menzioneti nell'atto di accusa essendo sufficiente l'impiego di inganno o di simulazione per persuadere l'esistenza di un credito immaginario anche senza un' artifizio contrario ai regolamenti"*;

Dwar l-artifizji hemm diversi sentenzi tal-Qrati tagħna u ta' din il-Qorti speċjalment. Hekk l-ImħallefW.Harding tas-27 ta' Mejju, 1944 in re Il-Pulizija vs Nikol Bonnici qal "Il-Qorti t'isfel fis-sentenza tagħha ..…waslet għall-konklużjoni illi hemm bżonn biex ikun reat taħt l-artikolu 309 (illum 308) illi dak il-kliem ikun akkumpanjat minn apparat estern li jsaħħaħ il-kelma stess fil-menti tal-iffrodat. Din it-teżi hija dik aċċettata fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleġġjalment komposta fil-kawża Reġina vs Francesco Cachia e Charles Beck deċiża fit-2 ta' Jannar, 1896 li fiha ntqal illi "*quel articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate inganno, raggiro o*

*simulazione, ed e' necessario quindi che la falza assertiva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede";*

Il-mibki Imħallef Ġużè Flores fil-kawża Il-Pulizija *versus* Carmelo Cassar Parnis deċiża minn din il-Qorti fil-31 ta' Ottubru, 1959 segwa l-istess interpretazzjoni u esprima ruħu kif ġej : "Għar-reat ta' truffa komtemplat fl-artikolu 322 (illum 308) tal-Kodiċi Kriminali kif jidher mid-diċitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bżonn li tirriżulta materjalita' speċifika li sservi ta' substrat għall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bħala vera u b'hekk bħala mezz ta' qerq. Ma huwiex biżżejjed għal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, lużingi, promessi, mingħajr l-użu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menżjonjieri tal-frodatur. Il-ligi tagħti protezzjoni speċjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kważi teatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-sempliċi u lużingi, u li tagħti li dawk l-esterjorita' ta' verita' kif tirrendi l-idea l-espressjoni feliċi fid-dritt Franciz *mise-en- scene*."

L-istess interpretazzjoni l-Imħallef Flores irrepetiha fis-sentenza tiegħu fil-kawża Il-Pulizija *versus* Schreiner deċiża fit-3 ta' Marzu, 1956 u fil-kawża Il-Pulizija *vs* Gerald Portelli deċiża fis-7 ta' April 1956;

Kwantu jirrigwarda l-element formali, cjoe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jingħad illi jrid ikun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann il-konsenja tal-flus jew oġġett li jkun bi profitt inġust tiegħu. L-inġustizzja tal-profitt toħroġ mill-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali fejn il-kliem "bi ħsara ta' ħaddieħor" ma jħallux dubbju dwar dan. Jiġifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bżonn li s-suġġett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tiegħu ikun konxju ta' l-inġustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-leġittima produttivita' tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo.

***Ikkunsidrat : -***

Din il-Qorti, meta tqis l-assjem tal-provi miġjuba quddiemha, hija konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni dwar il-fatti rakkontati mill-parte civile u mill-Prosekuzzjoni. L-imputata irrilaxxjat

stqarrija lill-Pulizija[5] kif ukoll xehdet quddiemha; iżda tqis li dak li stqarret l-imputata ma jikkonvinċihiex li l-imputata kienet qed tgħid il-verita kollha; l-anqas ma tqis li, anke fuq bażi ta' probabilita', id-Difiża rnexxielha tinnewtralizza l-fatti mistqarra mill-Prosekuzzjoni.[6]

Kif intqal aktar il-fuq, il-Liġi Maltija teħtieġ li biex ikunu ntegrati r-reati ta' truffa jew il-frode innominata huwa meħtieġ xi forma ta' ingann jew qerq mis-suġġett attiv. Dan l-ingann għandu jwassal lis-suġġett passiv biex isofri telf patrimonjali minħabba l-azzjoni jew omissjoni tiegħu stess. Dan it-telf partimonjali pero irid jissarraf fi qliegħ patrimonjali għas-suġġett attiv adoperanti l-ingann jew il-qerq. Fil-każ li l-ingann jew qerq ikun akkumpanjat minn raġġiri jew artifizji ossija *messa in xena*, allura hemmhekk ikun hemm l-estremi tat-truffa. Jekk messa in xena ma tirriżultax, allura jista' jiġi integrat ir-reat minuri ta' frode innominata.[7] F'dan il-każ huwa meħtieġ ukoll li l-Qorti tindaga jekk, fil-mument meta sar il-versament tal-flus, kienx hemm din l-intenzjoni kriminuża – *animus defraudandi* – jew le. Dan għaliex mhux kontestat li l-parte civile għaddew l-effetti mobbli lill-imputata minn jeddhom u mhux kontestat mill-imputata li hija irċeviethom.

Kwantu għar-raġġiri jew artefizji ossija l-messa in xena aktar il-fuq

---

[5] Ara fol 57 et

[6] Il-provi miġbura f'dan il-proċess huma estensivi, traskritti u preżervati u minflok tirriproduċihom, il-Qorti sejra tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha dwarhom.

[7] Ara ***Il-Pulizija vs. Anthony Francis Willoughby*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Frar 1999, fejn hemm ukoll ċitati diversi sentenzi preċedenti dwar dawn il-punti.

imsemmija, l-Qorti tqis li biex din tkun penalment rilevanti, trid tkun preżenti fil-mument jew mumenti meta l-flus jew l-effetti mobbli jkunu ġew konsenjati mis-suġġett passiv lis-suġġett attiv. F'dan il-każ, il-Qorti jidhrilha li huwa minnu li l-imputata insistiet mal-parte civile li hija kellha bżonn il-flus għall-ħtiġijiet mediċi ta' ħuha l-Monsinjur. Li ħuha l-Monsinjur kien jeħtieġ kura medika ġie wkoll pruvat soddisfaċentement. Il-parte civile jinsistu ripetutament li l-imputata kienet talbithom il-flus għall-ħtiġijiet ta' ħuha li kien marid u peress li l-parte civile kienu saru midħla tal-imputata u ta' ħuha, kienu jafu li verament l-istess ħuha kien jeħtieġ kura medika u bosta drabi anke fi sptar.

L-imputata għalhekk ma qalitx gidba meta qaltilhom li ħuha kien marid u li kien jeħtieġ li jiġi rikoverat fi sptar. U kien verosimili ħafna li hija kien ikollha ħtieġa tal-flus għall-ħtiġijiet mediċi ta' ħuha li verament kien marid. Anzi dak kien pretest eċċellenti li jirrendi t-talba tagħha għas-self ta' flus ferm kredibbli mal-parte civile li kienu jafu kemm ħuha kien marid. Dan wassal biex il-parte civile emnuha mingħajr ebda tlaqlieq.

Biss l-imputata ma talbitx li tissellef ammonti ta' flus żgħar li kienu forsi jkopru d-differenza bejn il-*basic scheme* u t-*top up* tal-polza tal-assigurazzjoni maħruġa mill-Kurja jew xi ammont ta' flus fuq mediċini li forsi l-polza tal-assikurazzjoni ma kienetx tkopri. Għall-kuntrarju hija talbet li tissellef ammonti t'eluf ta' euro. Dan ukoll jikkonsolida f'moħħ din il-Qorti l-konvinzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-

iskop veru għaliex riedet tieħu l-flus mingħand il-parte civile ma kienx dak mistqarr lilhom, u ċjoe għall-ħtiġijiet ta' kura ta' ħuha; almenu fil-maġġoranza assoluta tagħhom.

Għalhekk il-fatt li l-imputata riedet "tissellef" il-flus għall-ħtiġijiet ta' ħuha kien in gran parti mhux vera u dan ma l-iskop veru għaliex riedet il-flus. Dik kienet biss biċċa mill-proverbjali "gidba" imsemmija fil-ġurisprudenza, u li fiha setgħa kien hemm ftit verita wkoll, u li allura għamet it-talba għall-flus aktar kredibbli u veritjiera mal-parte civile. Hija kienet taf ukoll li minħabba l-mezzi tagħha, jew aħjar in-nuqqas tagħhom, hija ma kienetx f'qagħda li tonora l-obbligazzjonijiet tal-ħlas lura tal-flus meħuda mingħand il-parte civile.

Din il-"gidba" ħadet bixra aktar komplessa meta wieħed iqis il-ħabi ta' fatti importantissimi mill-parte civile u liema fatti kienu jkunu determinanti fuq id-deċiżjoni tagħhom dwar jekk "jisilfuhiex" il-flus jew le : – u ċjoe l-fatt li l-Monsinjur kien kopert b'polza tal-assikurazzjoni fuq saħtu u li kienet tkoprilu ħafna mill-ħtiġijiet mediċi tiegħu. Dan il-fatt, għalkemm magħruf mill-imputata baqgħa mhux żvelat lill-parte civile. U dan sar bi skop; għaliex kien ikun ferm aktar diffiċli li titwemmen li riedet "tissellef" dawk l-ammonti kbar ta' flus għal spejjeż mediċi ta' persuna li kienet diġa assikurata ma' kumpanija tal-assikurazzjoni ta' reputazzjoni.

Fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Nicholas Farrugia*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-28 ta' Lulju 1988 dik il-Qorti ċċitat sentenza tal-

Qorti tal-Kassazzjoni Naplitana tat-23 t'Awissu 1884 *in re Ric. Ioele Est. Ciollaro* fejn ġie deċiż li *"che tocca alla vittima dell'inganno una circostanza la quale, se nota, non l'avrebbe indotta a contrattare, commetta una truffa"*.

Minbarra din il-"gidba" (almenu in parti) u l-okkultament ta' fatti importanti u determinanti, it-talba għal-ammonti kbar ta' flus kienet ukoll teħtieġ mezz effettiv ta' kif il-parte civile jkunu jistgħu jiġu inkoraġġiti li jselfuha u dan jiġu mġiegħla jemmnu u li jkollhom moħħhom mistrieh li l-imputata kienet ser tasal li tħallashom lura l-flus mislufa.

Għalhekk minbarra l-gidba u l-okkultament ta' fatti importanti, l-imputata kienet tgħid lill-parte civile li hija kellha xi flus li kienu ser jaslulha; għalkemm qatt ma kien ikun ċar minn fejn kienu ser jaslulha dawn il-flus. Il-Qorti hija moralment konvinta li dawn il-flejjes ma kienux jeżistu u ma jeżistux sal-ġurnata tal-lum.

Dan l-episodju jmur oltre mis-sempliċi u proverbjali "gidba" li l-ġurisprudenza b'xi mod tikkondona billi tqis li mhux neċessarjament tkun tirrifletti jew twassal għal dak li l-liġi trid fil-forma ta' raġġiri jew artifizji. Din il-Qorti tqis il-kumplessita tal-gidba magħquda mal-kuntest li intqalet fih, nonche l-azzjoni tagħha versu l-parte civile bħala li tmur lil hinn minn sempliċi blaff jew gidba; iżda taqgħa fir-relm tal-artifizji nonche r-raġġiri kif imfisra ġurisprudenzjalment.

Biex pero tkompli tikkonsolida dan il-fatt, l-imputata marret oltre minn hekk meta hija wriet lil Antonia Cassar xi karti tal-"Fexserv"[8] dwar xi flus li suppost kellhom jaslu lill-imputata "minn barra".[9] Dan il-fatt li l-imputata uriet dan id-dokument lil Antonia Cassar ġie wkoll ammess mill-imputata,[10] li tistqarr li kien hemm ammont kbir ta' flus indikat fuq din il-karta,[11] għalkemm iċ-ċifra eżatta qatt ma ġiet mistqarra minnha jew mill-parte civile. Għalkemm baqgħet ma tatx raġuni plawżibbli għaliex ħasset li kellha turi din il-karta lil parte civile, l-imputata tgħid li din kienet karta ta' natura informali li kienet maħruġa minn xi *stockbroker* u li kienet tirreferi għal xi flus li suppost kienu f'isem oħtha (li kienet tbgħati **bl-iskozfrenija**) u li l-imputata kienet ħasbet li oħtha kienet ser tħallihom lilha. Il-Qorti ma temminx din il-parti tax-xiehda tal-imputata.

Din il-Qorti tqis li anke grazzi għal din l-azzjoni pożittiva tal-imputata li turi dokument li kellha fil-pussess tagħha li kien juri ċertu disponibbilta' finanzjarja qawwija, l-imputata għamlet ukoll qabża fil-kwalita' tal-iskema frawdolenti adoperata minnha. Hija pproċediet bl-użu ta' dan id-dokument impreċiżat li ġie wżat minnha biex issaħħaħ il-konvinzjoni tal-parte civile li għalkemm hija ma kellhiex id-disponibbilta' u l-likwidita' finanzjarja f'dak il-mument, hija xorta waħda kienet finanzjarjament soda biżżejjed biex tkun tista', fi ftit żmien wara, tħallas lura kull kreditu mitlub minnha u lilha konċess. Użat dan l-

[8] Preżumibbilment ta' Fexserv Financial Services Limited.
[9] Ara fol 94.
[10] Ara fol 422 u 423.
[11] Ara fol 423.

istratagemma tal-karta mingħand *stockbroker* sabiex isaħħaħ il-konvinzjoni f'moħħ il-parte civile li flushom ma kienux f'riskju għaliex kellha x'jagħmel tajjeb għal dak li hija kienet qegħda tissellef mingħandhom. Biss dan kien kollu parti minn din il-*messa in scena* skatenata mill-imputata.

Dan minbarra li Antonia Cassar tixhed li l-imputata kienet ukoll tgħidilha li kienet ser tirranġa biex tieħu xi flus,[12] kellha xi flus li qegħdin għand "Edward Debono"[13] u li kellha xi flus barra minn Malta u li kienu qegħdin l-Isvizzera u li ser taqlibhom ma Żaren Vassallo.[14] In definittiva l-imputata nisġet għanqbuta bil-mod il-mod, li bi kliem ħelu u amikevoli, b'attitudni pija u li tqajjem ħniena magħquda ma mġieba konvinċenti, wasslet lill-parte civile jemnu dak mistqarr minnha biex ituha kreditu, qawwi.

Din il-Qorti semgħet ukoll l-istorja tal-interess li l-imputata wriet fix-xiri tad-dar ta' Nicola Petit. F'dan ir-rigward pero, għalkemm Antonia Cassar tixhed li kienet ukoll silfet xi flus lill-imputata **wara** li din kienet uriet interess fix-xiri tad-dar ta' Petit, quddiem dil-Qorti ma ħariġx ċar meta dan l-interess beda jintwera jew jekk dan il-flus għaddewx għand l-imputata wara li din marret tara d-dar l-ewwel darba. Petit tgħid li l-imputata kienet marret tara d-dar fl-24 ta' Ġunju 2013.[15] Skont dak mistqarr fl-att ta' kostituzzjoni ta' debitu eżibit, l-aħħar elfejn euro

---

[12] Ara fol 94.
[13] Il-Qorti hawnhekk fehmet li x-xhud qed tirreferi għall-Avukat tal-imputata, Dottor Edward Debono; Ara fol 94.
[14] Ara fol 95.
[15] Ara fol 69.

mislufa lill-imputata kienu ingħataw fid-9 ta' Frar 2013. Għalhekk l-ewwel laqgħa ma Petit dwar din id-dar kienet saret madwar erba' xhur wara l-aħħar versament ta' flus li sar mill-parte civile lill-imputata.

Mhux għalhekk ċar fil-provi prodotti jekk u kemm l-episodju tal-interess muri mill-imputata fix-xiri tad-dar ta' Petit kellux impatt fuq id-deċiżjoni tal-parte civile li jagħtu kreditu lill-imputata fl-ewwel lok, u dan peress li jidher li dan l-episodju kien seħħ wara li l-flus kienu diġa ħarġu. Għal-massimu għalhekk din il-Qorti tista' tikkonċedi li l-episodju tad-dar ta' Petit setgħa kellu inċidenza fuq kemm il-parte civile ħasbu li setgħu iwaslu lill-imputata tħallashom lura l-flus billi tkun xprunata tara kif tagħmel u ġġib il-flus biex tixtri din id-dar. Wara kollox, sitta u tletin elf euro (€36,000) kien ċifra ferm iżgħar mill-miljun u mitt elf ewro (€1,100,000) li Petit kienet qed titlob għad-dar tagħha; u jekk kienet tasal li tħallas miljun u fuqhom, multo magis kienet tasal li tħallas dak li kien dovut lilhom.

Għalkemm din il-Qorti tista' tikkonċedi li ma hemmx provi soddisfaċenti li jorbtu dan l-episodju tad-dar ta' Petit mal-element tal-ingann rifless fir-raġġiri u artifizji relattiv għall-ewwel imputazzjoni fil-mument meta saru l-versamenti tal-flus u l-kreditu f'merċi, mhux l-istess jista' jingħad għall-aġir tal-imputata direttament mal-parte civile fir-rigward tal-kliem li qaltilhom u l-azzjoni tagħha biex tipprova ssaħħaħ id-determinazzjoni tagħhom li hija kienet finanzjarjament soda kif intqal aktar il-fuq. Dawn, fil-fehma tal-Qorti meħudin flimkien u fil-kuntest ta' bejn il-partijiet u moqrija fiċ-ċirkostanzi tal-każ, jammontaw għal forma

ta' raġġiri u artifizji.

Dan għaliex l-aġir tal-imputata spjegat aktar il-fuq, kien tali li bi kliemha u b'egħmilha hija "gidbet" lill-parte civile dwar ir-raġuni vera għaliex riedet tissellef il-flus mingħandhom, ħbiet il-verita mill-parte civile fir-rigward tal-fatt li kien hemm kopertura assikurattiva għall-ħtiġijiet mediċi ta' ħuha nonche l-vera disponibbilta' finanzjarja tagħha, u kif ukoll ħolqot ċirkostanzi billi wriet dokument tal-"Fexserv" fejn fih kien hemm indikati ammonti kbar ta' flus u li kienet tgħid li kienu tagħha u li lkoll flimkien ikkonvinċew lill-parte civile biex iselfuha l-flus u jibqgħu iselfuha l-flus għall-istess skop għal aktar minn darba. B'hekk tiġi li l-imputata anke ħolqot fatt li ma kienx jeżisti fir-realta - u ċjoe l-fatt li hija kellha dik is-saħħa finanzjarja li tħallas lura dejnha meta fir-realta hi ma kellhiex. Dan il-fatt maħluq kien imżewwaq bi kliem u b'atteġġjament li, pjanifikat, minsuġ u mwettaq fuq perjodu ta' żmien, kien intiż li jikkonvinċi lill-parte civile ituha kreditu u kien grazzi għal dan l-ingann elaborat li l-parte civile ikkonsenjawlha ammonti ta' flus f'aktar minn okkażjoni waħda għall-isptar tal-Monsinjur.[16] Dan huwa konfermat ukoll mill-istqarrija ċarissima tal-parte civile li ttenni li hija ma selfitx il-flus lill-imputata għall-kapriċċ iżda għall-kura.[17]

Il-Qorti tqis li għalhekk ir-reat ta' truffa għandu jitqies integrat f'dan il-każ. Fid-dawl ta' dan il-Qorti mhix ser tidħol fuq ir-reat ta' frodi innominata stante li tqisu bħala reat minuri iżda kompriż u involut fir-

[16] Ara fol 103.
[17] Ara fol 93.

reat ta' truffa.

Il-Prosekuzzjoni ttenni wkoll li f'dan il-każ ġie integrat ir-reat t'approprjazzjoni indebita. Dan huwa każ li huwa kumpless in kwantu l-flus u l-oġġetti ma ġewx mogħtija lill-imputata f'partita waħda. Jirriżulta mill-provi li kien hemm almenu seba' darbiet li selfuha l-flus bejn is-16 ta' Settembru 2012 u d-9 ta' Frar 2013. Mix-xiehda tal-parte civile jirriżulta li dan is-self dejjem sar għall-bżonnijiet mediċi tal-Monsinjur Dalmas u għall-ikel tiegħu. Mill-provi prodotti din il-Qorti hija konvinta moralment li pero l-iskop għaliex ingħataw dawn il-flejjes ma kienux esklussivament għal dan il-għan; anzi, il-Prosekuzzjoni ippruvat soddisfaċentement li għall-ispejjeż ta' sptar u spejjeż mediċi oħra l-Monsinjur kellu kopertura assikurattiva fuq saħtu li kopritu. Biss dan ma jfissirx li b'daqshekk jiffigura r-reat tal-approprjazzjoni indebita. Dan qiegħed jingħad għaliex ir-reat de quo kontemplat fl-Artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi s-segwenti :

> **293.** Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il- piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:
>
> Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.

Illi fil-kawża deċiża mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs John Gauci*** nhar l-14 ta' Frar 1997, il-Qorti stqarret li l-elementi tar-reat de quo huma s-segwenti : -

> Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "...taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'.
>
> Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u prova ta' jekk l-agent ma jkunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers.

Issa f'dan il-każ l-imputata jirriżulta li għamlet diversi talbiet għal self ta' flus, skontha għall-ħtiġijiet mediċi ta' ħuha l-Monsinjur Dalmas. L-iskop għalhekk prefiġġietu hi. F'dan il-każ il-motiv għaliex il-konjuġi Cassar silfu l-flus huwa dak li ġie mitlub lilhom mill-imputata. Pero f'dan il-każ ma jirriżultax mill-provi **<u>li kienu l-parte civile</u>** li kkonsenjaw il-flus u l-merċa **<u>u</u>** li ddeterminaw **<u>huma</u>** l-użu speċifiku li kellu jsir mill-istess flus jew merċa. Il-parte civile aċċettaw li jivversaw il-flus għall-iskop **<u>mistqarr lilhom mill-imputata</u>**. L-iskrittura privata u l-att pubbliku saru wara li kien saru l-versamenti tal-flus u l-konsenja tal-merċa.

Mill-banda l-oħra, l-interpretazzjoni tal-parti tal-*actus reus* "minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa" f'dan il-każ, għandha tiġi moqrija fid-dawl ta' dak

stabbilit mis-sentenza ***Il-Pulizija vs Nicholas Farrugia*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-28 ta' Lulju 1988. F'din il-kawża, anke b'riferenza għall-każistika tal-Cassazione Taljana, ġie deċiż li l-konsenja tal-oġġett mis-suġġett passiv lis-suġġett attiv dejjem trid tkun volontarja kemm fil-każ ta' truffa kif ukoll fil-każ tal-approprjazzjoni indebita. Biss hemm differenza fis-sens li fil-każ tal-approprjazzjoni indebita il-volonta tas-suġġett passiv li jikkonsenja l-oġġett tkun ħielsa mentri fil-każ tat-truffa, il-volonta tas-suġġett passiv li jikkonsenja l-oġġett tkun ġiet miksuba konsegwenza tal-qerq u raġġiri adoperati mis-suġġett attiv.

Ġie deċiż ukoll li fl-approprjazjoni indebita, il-frodi tirriżulta wara li tkun saret il-konsenja tal-oġġett mentri fir-reat ta' truffa l-aspett frawdolenti manifestat fir-raġġiri jew artifizji jippreċedu l-konsenja tal-oġġett in kwantu jkunu l-kawża tal-konsenja innifisha.

L-appropriazzjoni indebita isseħħ in segwitu li jkun ġie mogħti l-inkarigu speċjali jew mandat speċjali liberament magħmul mis-suġġett passiv lis-suġġett attiv u dan in bażi għall-fiduċja li s-suġġett passiv ikollu fis-suġġett attiv, li jispiċċa jittradixxi dik il-fiduċja wara li jkun irċieva l-oġġett mingħand is-suġġett passiv li jkun fdah. Mill-banda l-oħra fir-reat ta' truffa il-konsenja tal-oġġett isseħħ frott tar-raġġiri jew artifiżji ad opera tas-suġġett attiv fuq is-suġġett passiv u li jsiru qabel il-konsenja tal-oġġett mis-suġġett passiv lis-suġġett attiv.

Għalhekk is-suġġett attiv li jagħti x'jifhem lis-suġġett passiv, li huwa proprjetarju t'oġġett (f'dan il-każ l-allegazzjoni li l-imputata kienet proprjetarja ta' flejjes jew assi finanzjarji inġenti) meta fil-fatt ma jkunx, bil-ħsieb li jottjeni self mingħand is-suġġett passiv, jirrendi ruħu ħati ta' truffa u mhux approprjazzjoni indebita.

Għal dawn ir-raġunijiet fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ għandu jiġi ritenut integrat ir-reat ta' truffa, aktar milli dak tal-approprjazzjoni indebita.

Jibqa' l-fatt li bejn il-partijiet kien hemm att pubbliku ta' kostituzzjoni ta' debitu fejn l-imputata rrikonoxxiet lilha nnifisha bħala debitriċi tal-parte civile kif aktar il-fuq imsemmi. Issa f'dan is-sens din il-Qorti hija konxja ta' ċertu tip ta' ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati, fosthom is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Concetta Charles*** deċiża nhar is-6 ta' Ġunju 2011 fejn f'dik il-kawża kien intqal is-segwenti[18] : -

> Jekk wieħed jifli d-dokument a fol 37 (il-kuntratt jew skrittura oriġinali), jara li lejn it-tmiem tiegħu nsibu dan il-kliem:
>
> 29 ta' Novembru 2005
>
> Dehru l-partijiet u **rrexxindew** għal kull fini u effett tal-Liġi din l-iskittura.
>
> L-imsemmija Concetta Charles tobbliga ruħha li tirrifondi s-somma ta'

[18] Verament li dak il-każ kien jitratta speċifikament ir-reat t'approprijazzjoni indebita, u f'dan il-każ il-Qorti tqis li dan ir-reat ma ġiex integrat. Iżda jibqa' l-fatt li dawn iż-żewġt reati imnissla mill-istess familja ta' reati ta' serq inproprju u għalhekk il-Qorti tqis li l-istess prinċipji jistgħu ikunu applikabbli.

ħamest elef u ħames mitt lira (Lm5,500) imħallsa lilha mill-komparenti miżżweġin Cassar fqu l- iskrittura privata sal-31 ta' Diċembru 2005.

Sad-data tad-29 ta' Novembru, 2005, l-ewwel kuntratt kien għadu fis-seħħ u t-tleit snin stipulati fih kienu jispiċċaw fis- 17 ta' Settembru 2007.

Effettivament, il-partijiet neħħew min-nofs l-obbligazzjoni antika – jien intik il-flus u inti ġġibli tifla għall-addozzjoni – u minflok daħlu f'obbligazzjoni oħra. Din id-darba l- obbligazzjoni hija ġdida għal kollox għaliex issa saru kanonizazzjoni ta' kreditu. (fol 39).

Isegwi li mid-29 ta' Novembru 2005 saret novazzjoni (ai termini tal-artikolu 1179(a) u 1180(2) tal-Kap 16 li biha ntemmet l-obbligazzjoni li kienet eżistenti qabel u sar kuntratt ġdid.

Minn meta sar il-ftehim wieħed ma jistax iqis aktar li hija kwistjoni ta' approprijazzjoni indebita iżda hija kwistjoni biss ta' kreditu li għadu ma ġiex onorat. **Għal dan jeżistu l-mezzi ċivili kollha biex dan il-ftehim ikun inforzat** bħalma jsir normalment. Kull meta qed tgħid li hi lesta li tħallas qed awtomatikament tinterrompi jew tirrinunzja għall-preskrizzjoni li għaddiet. Mhux kull obbligu kontrattwali li ma jkunx onorat iwassal bil-fors għar-reat ta' approprijazzjoni indebita.

Għal kull buon fini, il-Qorti hija soddisfatta li l-appellanti sabet ruħha f'sitwazzjoni diffiċli minħabba li min kellu jmexxi l-fondazzjoni sab ruħu kkundannat kriminalment għax ma mexiex mal-mandat li kellu. (Ara s-sentenza ppreżentata). L-Ewwel Onorabbli Qorti korrettemant ikkwotat is-sentenza 'Il-Pulizija vs Raymond Falzon' (17.04.1998) meta jsiru promessi ta' ħlas. Biss il-fatti f'dak il-każ mhumiex l-istess bħal tal-lum. Ta lanqas f'dak il-każ ma kienx hemm kuntratt jew ftehim ġdid dwar kif ser isiru l-ħlasijiet. Dan l-element fil-fatt odjern jibdel kollox. Pjuttost din il-Qorti tikkwota b'approvazzjoni silta żgħira li kienet ikkwotata mill-Ewwel Onorabbli Qorti a fol 246:

'Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, ***che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale.'***

Issa fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti jirriżulta li l-att pubbliku ffirmat fid-9 ta' Jannar 2014 issostitwixxa l-iskrittura privata miktuba nhar id-19 ta' Diċembru 2013. Il-partijiet, *ex post facto* qablu kif l-ammont ta' flus misluf mill-parte civile bi pretensjonijiet qarrieqa kellhom jiġu restitwiti lura f'daqqa.

A differenza ta' dik il-Qorti, din il-Qorti tqis li l-arranġament ċivili li permezz tiegħu il-koppja Cassar u l-imputata waslu sabiex jippreskrivu kif ser jitħalsu lura tal-flus versati lilha preċedentement bl-ebda mod ma tinċidi fuq ir-responsabbilita' kriminali tal-imputata għar-reat tat-truffa. Dan il-punt qiegħed jitqajjem għaliex kwantu għall-aspett penali ta' din il-vertenza, il-Qorti jidhrilha li hemm il-presupposti kollha għall-applikazzjoni ta' dak mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Raymond Falzon*** deċiża fis–17 t' April 1998 fejn intqal li :

> L-element formali ta' dan ir-reat jikkonsisti fil-"*volontarieta' della concersione con scienza della sua illegittimita', e dal fine di lucro*" (Majno, L., *op.cit*., p. 105). Huwa veru li ċerti awturi, inkluż dak ċitat mill-istess appellant (Giovanni Giurati, *Trattato di Diritto Penali,* Vol IX, *Delitti Contro la Proprieta'*, Casa Editrice Dott. Francesco Vallardi (Milano), 1913, pp. 375-376) jikkunsidraw li l-intenzjoni li wieħed jirrestitwixxi l-oġġett jinnewtralizza l-iskop ta' qligħ jew profitt bi preġudizzju tal-vittma (profitt, li *del resto,* ma hemmx għalfejn ikun wieħed pekunjarju). Tali intenzjoni, iżda, irid ikollha bħala fundament iċ-ċertezza tar-restituzzjoni u mhux tkun sempliċiment ibbażata fuq l-isperanza ta' eventwali restituzzjoni, tali intenzjoni fil-parti l-kbira tal-każijiet timmanifesta ruħha fir-restituzzjoni effettiva u immedjata (ara Giurat, G., *ibid*., Antolisei, F., *Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I,* Giuffre' (Milano), 1986, pp. 285-286). F'dan il-każ l-element formali tar-reat jirriżulta sodisfaċentement ippruvat;

Qabel xejn il-Qorti tal-Appell Kriminali f'dan il-każ ma kienetx qed tagħmilha bħala punt legalment minnha stabbilit u deċiż li fil-liġi Maltija li l-intenzjoni kriminali fir-reat t'approprjazzjoni indebita (daqskemm fir-reat ta' truffa jew serq) jiġi newtralizzat hekk kif issir ir-restituzzjoni ċerta, effettiva u immedjata tal-oġġett mal-approprjat. Anzi dik il-Qorti kienet qegħda tesponi bir-reqqa l-argumenti dottrinali dwar il-punt legali sollevat mingħajr ma stabbiltu bħala punt deċiż u stabbilit fil-liġi Maltija. Pero *dato ma non concesso* li din it-teorija propunjata mill-Giurati et al tista' b'xi mod issib xi forma t'applikazzjoni fil-Liġi Maltija regolanti l-frode (u allura approprjazzjoni indebita daqskemm it-truffa), fil-każ tal-imputata għalkemm jirriżulta li hija qablet li tħallas lura lill-koppja Cassar l-ammonti riċevuti minnha preċedentement, din ir-restituzzjoni ma seħħitx b'mod li l-konjuġi Cassar kellhom "iċ-ċertezza tar-restituzzjoni". Anzi, ma sar ebda ħlas u dan sal-ġurnata tal-lum. Għalhekk din ir-restituzzjoni kienet ibbażata mhux fuq iċ-ċertezza u immedjatezza, iżda fuq l-isperanza tal-eventwali restituzzjoni. Evidentement dan it-test mhux soddisfatt u għalhekk din il-Qorti żgur ma tistax tqis li l-element formali b'xi mod ġie newtralizzat bil-ħlas lura f'dan il-każ. U allaħares kien hekk għaliex altrimenti min jirrendi ruħu ħati ta' frode (approprijazzjoni indebita, truffa eċċ) u jinqabad faċilment ikun jista' jevita r-responsabbilta' penali tiegħu billi wara li jkun inqabad jagħżel *in fretta e furia* li jirrestitwixxi l-oġġett defrawdat lura u b'hekk ikun gawda doppjament – bil-flus defrawdati (anke jekk

temporanjament) u bl-eżenzjoni mir-responsabbilta' kriminali għall-att kommess minnu preċedentement.

Mistqarr dan kollu, din il-Qorti sejra tieħu in konsiderazzjoni il-fatt li kienet għamlet dan l-att ta' rikonoxximent ta' debitu meta tiġi biex teroga l-piena tagħha.

***Ikkunsidrat : -***

Illi kwantu għal dak li jirrigwarda r-raba' imputazzjoni jirriżulta soddisfaċentement ippruvat sal-grad rikjest mill-Liġi, u anke permezz tax-xiehda ta' Raymond Desira a fol 157, 170 u 171 li fid-dati rilevanti għal dan il-każ, l-imputata kienet reġistrata bħala li hija residenti fil-fond "Bellavista", Triq is-Srug, Xagħra, Għawdex mentri fil-verita kienet residenti f'Malta f'indirizzi diversi kif jidhru minn diversi dokumenti eżibiti fil-proċess.

Ir-reat in disamina huwa dak li l-imputata għamel xi dikjarazzjoni falza, jew tagħti xi tagħrif falz, jew ipproduċiet xi dokument falz, għal xi wieħed mill-għanijiet tal-Kapitolu 258 tal-Liġijiet ta' Malta, meta tkun taf li dan huwa falz. Irriżulta anke mill-istqarrija tagħha li hija ma għandhiex ir-residenza tagħha f'Għawdex iżda f'Malta u dan għamlitu "minhabba l-vapur ghax ghamilna zmien tilghin u niezlin".[19] Issa a fol 429 l-imputata tistqarr illi l-karta tal-identita kienet reġistrata fuq

[19] Ara fol 57 a tergo.

Għawdex minħabba li kienu tilgħin u nieżlin Għawdex u għalhekk "konna nħallsu bħal Għawdxin".

Din hija forma t'ammissjoni li fil-fatt il-karta tal-identita tagħha kienet turi li hija kienet residenti f'indirizz f'Għawdex mentri fil-fatt hija kienet tirrisjedi f'Malta. Għalhekk ġie pruvat li l-karta tal-identita' tagħha kienet tistqarr fatt li ma kienx minnu. Iżda hija wkoll stqarrija li għamlet użu minn din l-ID card li kienet tikkontjeni din id-dikjarazzjoni li kienet tikkontjeni dikjarazzjoni falza. Biss biss biex tibbenefika min-noll irħas trid tippreżenta l-karta tal-identita li tgħid li tirrisjedi Għawdex.

Issa f'dan il-każ il-Prosekuzzjoni riedet turi li mhux biss li l-indirizz tal-imputata kien jinsab reġistrat Għawdex, iżda riedet turi wkoll li f'dan il-każ l-indirizz prinċipali tal-post ta' residenza kien f'Malta u mhux f'Għawdex kif ukoll li l-imputata għamlet xi dikjarazzjoni falza, jew tagħti xi tagħrif falz, jew ipproduċiet xi dokument falz, għal xi wieħed mill-għanijiet tal-Kapitolu 258 tal-Liġijiet ta' Malta meta tkun taf li dan huwa falz u dan b'riferenza għall-perjodu inkriminat fl-imputazzjonijiet.

U huwa hawnhekk li l-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ma ġabetx prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li fil-**perjodu inkriminat** l-imputata għamlet dikjarazzjoni falza, jew tat tagħrif falz jew li pproduċiet din il-karta tal-identita lil xi ħadd. Semmai hija ammettiet l-imputazzjoni taħt l-Artikolu 24(1) tal-Kapitolu 258 tal-Liġijiet ta' Malta,

iżda mhux daqstant dak li ġiet mixlija bih, u ċjoe l-Artikolu 24(2) tal-istess Kapitolu.

Għaldaqstant ma tistax tqis din l-imputazzjoni bħala li hija soddisfaċentement ippruvata.

# *Decide*

li wara li rat l-Artikoli msemmija mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tiegħu aktar il-fuq imsemmija u ċjoe Artikoli 18, 293, 308, 309 u 310(1)(a) u 533 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll taħt l-Artikolu 24(2)(b) tal-Kapitolu 258 tal-Liġijiet ta' Malta filwaqt li qegħda ssib lill-imputata mhux ħatja tat-tielet u r-raba imputazzjonijiet u minnhom tilliberaha minn kull ħtija u piena qegħda ssibha ħatja tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni b'dan li t-tieni imputazzjoni hija meqjusa bħala li hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni.

Kwantu għall-piena, il-Qorti wara li rat il-fedina penali tal-imputata, u ħadet in konsiderazzjoni l-fatti kollha ta' dan il-każ qegħda tikkundannaha għall-piena ta' **<u>sentejn priġunerija</u>**. Rat l-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali tordna li din is-sentenza ma għandhiex tibda sseħħ għajr ħlief jekk matul il-perjodu ta' erba' snin millum il-ħatja tikkommetti reati ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija.

Il-Qorti fehmet lill-ħatja bi kliem ċar u li jinftiehem ir-responsabbilta' tagħha u l-konsegwenzi li jitnisslu fil-każ li hija tikkommetti tali reat ieħor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiża u dan ai termini tal-Artikoli 28A(4) u 28B tal-Kodiċi Kriminali.

Inoltre, wara li rat l-Artikolu 28G(1) tal-Kodiċi Kriminali qegħda b'żieda mal-piena aktar il-fuq inflitta tagħmel ordni ta' superviżjoni (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ordni ta' superviżjoni") li permezz tiegħu tqiegħed lill-ħatja taħt is-superviżjoni t'uffiċjal sorveljanti għal perijodu ta' tliet snin millum.

Il-Qorti fissret lill-ħatja bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' superviżjoni kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'każ li tonqos milli tikkonforma ruħha ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li tagħmel reat ieħor matul il-perjodu operattiv tas-sentenza mogħtija lilha illum nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' superviżjoni bid-digrieti ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Uffiċjal Sorveljanti biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħatja.

L-Uffiċjal Sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħatja kull sitt (6) xhur.

Inoltre, stante li matul il-kors ta' dawn il-proċeduri ma tresqux provi a sodisfazzjon ta' din il-Qorti fir-rigward ta' kemm mill-ammonti ta' flus dovuti lill-parte civile ġew saldati grazzi għall-proċeduri t'eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv, din il-Qorti m'għandhiex indikazzjoni preċiża taċ-ċifra rimanenti biex tkun tista' leġittimament u raġjonevolment temana ordni ta' restituzzjoni ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali.

Inoltre, wara rat ukoll li fiċ-ċirkostanzi tal-każ huwa indikat li l-imputata titqiegħed taħt ordni ta' trattament skont l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, stante li l-Qorti tqis li huwa meħtieġ li l-imputata tiġi mgħejjuna tegħleb diffikultajiet psikoloġiċi li tidher affetwata minnhom u li qed iwasluha wkoll biex tiddelinkwi. Għalhekk ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qegħda tpoġġi lill-ħatja taħt Ordni ta' trattament u dan wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' trattament għal perjodu ta' tliet snin millum. Il-Qorti fehmet bi kliem ċar u li jinftiehem il-portata ta' din l-ordni u l-konsegwenzi li l-ħatja jkollha taffaċċja fil-każ li hija tonqos milli twettaq din l-ordni skont kif ordnat lilha.

***Mogħtija illum it-28 ta' Settembru 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**(bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali)**

**ORDNI TA' SUPERVIŻJONI**

*(MAGĦMUL SKONT L-ARTIKOLU 28Ġ TAL-KODIĊI KRIMINALI)*

**Maġistrat:** ***Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)***

**28 ta' Settembru 2016**

**PULIZIJA**

**(Spettur A. M. Xuereb)**

**vs**

**Carmela German**

Il-Qorti,

Billi b'sentenza mogħtija llum fl-ismijiet premessi, **Carmela German** li toqgħod 13/15, Triq id-Dejqa, n-Naxxar, detentriċi tal-karta tal-identita

bin-numri 682440(M) ġiet misjuba ħatja kif imfisser fl-istess sentenza u wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Superviżjoni l-ħatja ġiet mpoġġija taħt Ordni ta' Superviżjoni ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9).

Wara li fissret lill-ħatja bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' Supervizjoni (inklużi l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taħt skont s-subartikolu (3) tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta u nnutat li l-istess ħatja wriet li trid tħares il-ħtiġiet tal-istess Ordni;

**Tordna** li l-ħatja **Carmela German** li toqgħod 13/15, Triq id-Dejqa, n-Naxxar detentriċi tal-karta tal-identita bin-numri 682440(M), tkun għal perjodu ta' tliet snin millum taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal ta' Supervizjoni taħt dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul dan il-perjodu, il-ħatja ġġib ruħha tajjeb, toqgħod għad-direttivi <u>kollha</u> tal-uffiċjal sorveljanti kif ukoll, jekk ikun il-każ, biex il-ħatja tieħu l-*counselling* li jista' jkun meħtieg minn żmien għal żmien sabiex tevita, fost affarijiet oħra li terġa tikkommetti reati fil-ġejjieni.

2. Li l-ħatja tibqa' f'kuntatt mal-uffiċjal sorveljanti skont dawk l-istruzzjonijiet li tista' minn żmien għal żmien tingħata mill-imsemmi uffijal, u li tavża lill-imsemmi uffiċjal b'kull tibdil fl-indirizz tagħha;

3. Li tirċievi viżiti mill-uffiċjal sorveljanti ġewwa r-residenza tagħha jew f'kull post ieħor li tiffrekwenta skont id-direttivi tal-istess uffiċjal sorveljanti;

4. L-uffiċjal sorveljanti għandu/ha jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti mhux anqas minn darba kull sitt xhur dwar l-imġieba tal-ħatja.

**TORDNA** li kopja ta' dan l-Ordni tingħata lil ħatja u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u lill-Uffiċjal Sorveljanti.

……………………………………
(firma tal-persuna mqegħda taht superviżjoni)

……………………………………..
*Doris Serpina*
**D./Registratur**

***Aaron M. Bugeja,***
***Maġistrat.***

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

**ORDNIJIET TA' TRATTAMENT**

(MAGĦMUL SKONT L-ART. 412 D TAL-KAP.9 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)

**Maġistrat:** ***Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)***

**ILLUM 28 ta' Settembru 2016**

**PULIZIJA**
**(Spettur A. M. Xuereb)**
**vs**
**Carmela German**

Il-Qorti,

Billi b`sentenza mogħtija llum, fl-ismijiet fuq premessi, **Carmela German** li toqgħod 13/15, Triq id-Dejqa, n-Naxxar, detentriċi tal-karta tal-identita bin-numri 682440(M) ġiet misjuba ħatja kif imfisser fl-istess sentenza u

ġiet mpoġġija taħt Ordni ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Trattament;

Wara li fissret lill-ħatja bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' trattament u illi jekk tonqos li tħares jew li milli tikkonforma ruħha ma' xi rekwiżit jew kondizzjoni tal-ordni sakemm dan l-Ordni jkun fis-seħħ, l-Qorti tista' twaħħal ammenda ta' mhux iżjed minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

Wara li l-ħatja wriet li trid tħares il-kundizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' Trattament;

Għalhekk, tordna li l-ħatja **Carmela German** li toqgħod 13/15, Triq id-Dejqa, n-Naxxar, detentriċi tal-karta tal-identita bin-numri 682440(M) titpoġġa taħt ordni ta' trattament għal perjodu ta' tliet snin taħt il-kundizzjonijiet hawn taħt imsemmija :

1. It-Trattament ser ikun sabiex il-ħatja tagħraf tegħleb diffikultajiet priskoloġiċi jew psikjatriċi li tista' tkun maħkuma minnhom u dan skont kif l-Uffiċjal Sorveljanti hawn taħt maħtur jiddetermina fl-aħjar interess tal-ħatja, u dan sabiex il-ħatja tiġi analizzata u trattata għall-imġieba tagħha.

2. Li matul il-perjodu tal-Ordni ta' Trattament, l-ħatja għandha ġġib ruħha tajjeb, toqgħod għad-direttivi u ordnijiet kollha tal-Uffiċjal Sorveljanti u tal-Esperti li lilhom tista tiġi riferuta minnu u żżomm dak il-kuntatt meħtieġ magħhom skont il-ħtieġa tal-każ u s-sitwazzjoni.

3. L-Uffiċjal Sorveljanti għandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħatja kull sitt xhur.

**TORDNA** li kopja ta' din l-Ordni tingħata lil ħatja u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

______________________________

**(firma tal-persuna mqiegħda taħt l-Ordni ta' Trattament)**

*Doris Serpina*

**Deputat Reġistratur**

***Aaron M. Bugeja***

**Maġistrat**

Ammissjonijiet/ohra